MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1177/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Michael Mallia]**

**vs**

**Massimo Caruso**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Massimo Caruso detentur tal-karta tal-identita` numru 22119A.

Akkuzat talli:
F'H'Attard, nhar it-12 ta' Settembru 2010, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti u gojjellerija mill-fond 'Shalom' fi Triq ir-Ruzell, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta' Anthony Borg u/jew persuni ohra;

Kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer, naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Anthony Vella LL.D. b'digriet moghti nhar l-20 ta' Lulju 2009, u kif sussegwentement varjat, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest;

Kif ukoll talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra; u

Finalment talli kkommetta reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta nhar is-17 ta' Marzu, 2008.

Rat l-ezami tal-imputat li kien wiegeb mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (Dok MM4) li bih ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat ukoll l-istqarrija tal-imputat illi mill-bidunett kien ammetta l-fatti elenkati fl-akkuzi kif fil-fatt tali ammissjoni giet ikkonfermata fl-udjenza tad-19 ta' Settembru 2011; u

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm l-imputat ma kienx ammetta l-akkuzi fl-ezami, huwa minn dejjem ikkonferma li hu kien li kkommetta r-reat imputat lilu.  Huwa fil-fatt wera disponibbilita` kbira anke fir-rigward tal-problemi li kellu ta' droga u problemi ohra relatati ma' depressjoni.

In fatti, din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma' fit-tul diversi ufficjali tal-habs, Probation Services u Caritas a rigward l-

andament tieghu u a rigward il-passi posittivi li kien ghamel tul iz-zmien.

Illi ghalhekk, wara li rat l-Artikoli 263, 267, 278(3), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat Massimo Caruso hati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu u tikkundannah ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija. Inoltre, tordna li f'dan il-perijodu huwa jinghata l-facilita` li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga bhala tal-Caritas kif ukoll jinghata facilita` ta' psikjatra minhabba problemi relatati ma' depressjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------